MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 1001/2005

**Av. Dr. Franco B. Vassallo bhala mandatarju specjali tal-kumpanija assiguratrici estera 'The Hollard Insurance Company Limited' kif surrogata fid-drittijiet ta' Rhino Minerals (PTY) Limited ta' South Africa.**

**Vs**

**Ark Maritime Limited bhala proprjetarja / armaturi tal-bastiment MV Ark.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur nomine ippremetta illi:

Peress illi fis-6 ta' Settembru 1999 il-bastiment MV Ark ghabba merkanzija ta' minerali '*purusite grade andalusite'* ta' elf hames mija u sittin (1560) *metric tones* minn Richards Bay gewwa s-Sud Afrika sabiex jigi kkonsenjat lil Reffratechnik Iberica S.A. ta' Spanja fil-port ta' Tarragona Spanja.

Peress illi l-imsemmija merkanzija giet mghobbija f' *Hold Number* 1 ta' l-istess bastiment wara li sar *survey* minn *SGS Surveyors* li tikkonferma li tali *hold* instabet nadifa, xotta u f' pozizzjoni li tircievi l-merkanzija msemmija.

Peress illi wara li l-merkanzija tghabbiet l-MV Ark ghabba fuq il-parti ta' quddiem ta' l-istess bastiment tlett elef (3,000) *metric tonne* ta' '*Chromite'* u dan wara li ssepara z-zewg merkanziji permezz ta' pjanci ta' l-azzar (*steel plates)* u plastik.

Peress illi l-konsenja ta' tlett elef (3,000) *metric tonne* ta' *'Chromite'* giet skarikata f' Algeciras u l-bastiment ipproceda ghal Tarragona sabiex jiskarika l-'*purusite'.*

Peress illi nhar id-19 t'Ottubru, 1999 il-bastiment wasal Tarragona u l-ghada, jigifieri nhar l-20 t'Ottubru, 1999 bdew il-procedura tal-hatt.

Peress illi l-hatt tal-merkanzija beda miexi normali billi l-merkanzija tigi skarikata fuq trakkijiet ghal ghand ir-ricevitur Reffratechnik Iberica S.A.

Peress illi nhar il-21 t'Ottubru 1999 fit-tmienja ta' filghodu, wara li kienu lahqu gew skarikati elf u tlett mitt (1,300) *metric tonne* ta' *purusite* ir-ricevitur ta istruzzjonijiet sabiex jigi sospiz l-iskarikar stante li l-merkanzija kienet ikkontaminata b'materja li wara irrizulta li kienet *chromite.*

Peress illi MacAndrews SA Lloyds Agency Surveyors ta' Barcelona, Spanja ezaminaw il-merkanzija u l-bastiment u

rrizulta li l-merkanzija kienet ikkontaminata u umda, u kienet tinkludi '*chromite mixture'.* Innutaw ukoll li fil-*hold* tal-bastiment kien hemm l-ilma jigri.

Peress illi s-*surveyor* irrizultalu li l-hekk imsejha *separation steel plates* kienu f'kundizzjoni hazina u msaddin.

Peress illi ghalhekk irrizulta car illi l-kontaminazzjoni fil-prodott sehhet minhabba '*insufficient and inadequate separation between the cargo of purusite and the cargo of chromite loaded in the same hold.'*

Peress illi skond artikolu 24 tac-*charterparty* s-*separatators* kienu responsabbilta' tal-bastiment u kwalunkwe *claim* ghad-danni minhabba *contamination* kienet responsabbilta' tal-bastiment.

Peress illi wara diversi attentati sabiex jigu imminimizzati d-danni bejn ir-ricevitur u x-*shipper* gie miftiehem li l-prodott jigi stmat bhala elf u hames mitt *metric tonne* (1,500) b'hamsin fil-mija (50%) *depreciation* minhabba kontaminazzjoni, b'disa' mitt (900) *metric tonne* minnhom kellhom wiehed u ghoxrin punt erbgha fil-mija (21.4%) *depreciation* addizzjonali minhabba umdita', waqt li t-telf fil-prodott huwa stmat li kien ta' mitejn u hamsa u ghoxrin (225) *metric tonne*.

Peress illi l-kumpanija Reffratechnik Iberica S.A. finalment spiccat biex taccetta l-merkanzija bi prezz ridott minn dak miftiehem;

Peress illi s-socjeta' assikuratrici rrizarciet lill-assigurat taghha *Rhino Minerals* (PTY) *Ltd* ghad-danni sofferti ghas-somma ta' mija u tmienja u tmenin elf mitejn u tmienja u tletin punt tnejn erbgha *Euros* (188,238.24 Ewro) ekwivalenti ghal tmenin elf tmien mija u ghaxar liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm80,810.67) skond ir-rata tal-kambju ta' l-1 Euro = Lm0.4293 mahruga llum mill-Bank Centrali ta' Malta, jew somma verjuri.

Illi dawn id-danni jikkonsistu fid-differenza tal-prezz ridott wara l-kontaminazzjoni u danni ulterjuri kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara li d-danni sofferti mill-attur nomine fil-merkanzija ta' *purusite, grade andalusite* li ngarret fil-bastiment tal-konvenuta MV Ark sehhew unikament tort u responsabbilta' tal-konvenuta.

2. Tillikwida d-danni fis-somma ta' 188,238.24 Ewro, ekwivalenti ghal tmenin elf tmien mija u ghaxar liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm80,810.67) skond ir-rata tal-kambju mahruga llum mill-Bank Centrali ta' Malta, jew somma verjuri li tigi minn din Qorti llikwidata.

3. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attrici l-imsemmija somma ta' 188,238.24 Ewro, ekwivalenti ghal tmenin elf tmien mija u ghaxar liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm80,810.67) jew somma verjuri kif fuq indikat.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tas-surroga kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta** a fol. 37 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi in linea preliminari jispetta lis-socjeta' attrici tipprova t-titolu taghha u d-dritt ta' azzjoni u li kwindi ghandha l-interess mehtieg li tistitwixxi din l-azzjoni. Mhuwiex car f'dan l-istadju x'titolu kellhom is-socjetajiet li allegatament ssurrogaw lil The Holland Insurance Company Limited fuq il-merkanzija in kwistjoni: fuq kollox lanqas jirrizulta li kien hemm surroga minn Europe Minerals BV favur is-socjeta' attrici.

2. In kwantu ghall-mertu, mhuwiex car mill-att tac-citazzjoni jekk l-attur qieghed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq responsabbilta' delittwali jew kuntrattwali u ghalhekk jispetta lill-attur li jiccara l-kawzali tieghu.

3. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez billi mhuwiex minnu li d-danni reklamati gew kagunati konsegwenza ta' kontaminazzjoni li avverat ruhha xi kontaminazzjoni abbord il-bastiment u/jew li s-sidien ghandhom xi responsabilita' f'kaz illi tavvera ruhha xi kontaminazzjoni abbord il-bastiment.

4. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont reklamat in linea ta' danni huwa wiehed eccessiv u fi kwalunkwe kaz ghadu mhuwiex car lill-konvenuti kif effettivament gew kwantifikati dawn id-danni.

5. Il-konvenuti jirriservaw li jressqu eccezzjonijiet aktar dettaljati jekk ikun mehtieg fl-istadju li l-attur jiccara l-punti sollevati fl-eccezzjonijiet numri wiehed u tlieta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni;

**L-ewwel eccezzjoni**

Fl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu li jispetta lis-socjeta attrici tipprova t-titolu taghha u d-dritt ta' azzjoni u li ghandha l-interess mehtieg li tistitwixxi din l-azzjoni u dana billi mhux car x'titolu kellhom is-socjetajiet li allegatament ssurrogaw lil The Hollard Insurance Company Limited fuq il-merkanzija in kwistjoni. Fuq kollox lanqas jirrizulta li kien hemm surroga minn Europe Minerals BV favur is-socjeta' attrici.

**Surroga**

Dwar jekk kienx hemm surroga minn Europe Minerals BV favur is-socjeta' attrici, l-atturi talbu korrezzjoni fis-sens li l-kliem Europe Minerals BV ta' l-Olanda jigu kancellati, liema korrezzjoni intlaqghet. Is-socjeta' konvenuta pero' tinsisti li xorta wahda s-socjeta' attrici ma rnexxiliex tipprova l-interess taghha u wisq anqas id-dritt taghha li tistitwixxi l-kawza odjerna, u nsistiet li tinghata decizjoni f'dan ir-rigward.

L-ewwel raguni ghaliex is-socjeta' konvenuta qed tinsisti fuq dina l-eccezzjoni hija li s-socjeta assikuratrici li allegatament gie surrogata fid-drittijiet ta' Rhino Minerals (PTY) Ltd, fis-*subrogation form* Dok A ma hemmx indikazzjoni lill min inghatat dina s-surroga. Isostnu l-konvenuti li s-socjeta' Hollard Insurance imkien ma tissemma u l-ircevuta inharget minn Astra Maritime Underwriting Managers. Ghalhekk ma ngabitx prova cara dwar in-ness bejn s-socjeta' assikuratrici u l-assikurat.

Dirk Johannes van den Heever, Managing Director ta' Rhino Minerals (PTY) Ltd , jghid fl-affidvati tieghu li, huma "*made all the arrangements for carriage and insurance. The signature on the subrogation note DJVDH2 on page 84 is that of Willem Jacobs, an employee of the Company, as managing director. The funds mentioned on the subrogation note were credited to the company's bank account".*

Inoltre mis-*subrogation form*, fil-qiegh tad-dokument hemm riferenza ghal Astra Maritime Underwriting Managers (Pty) Limited li kienu Underwriting Managers ghall The Hollard Insurance Company Limited. Ghal Qorti din hi ndikazzjoni sufficjenti li s-*subrogation* saret favur is-socjeta' attrici.

B'disposizzjoni espressa, min ihallas jidhol fil-jeddijiet tal-kreditur, jew bis-sahha ta' konvenzjoni jew b'disposizzjoni tal-ligi (Artikolu 1164 Kap 16). Fil-fatt, fl-artikoli ta' wara huwa dispost meta topera ruhha s-surroga b'konvenzjoni

jew permezz tal-ligi. Fil-kaz in ezami s-surrogazzjoni tiffigura fl-ipotesi kontemplata taht is-subparagrafu (c) ta’ l-Artikolu 1166 li tippreskrivi l-akkoljiment tas-surroga *ipso jure* favur “dak li kien obbligat ma’ ohrajn jew ghall-ohrajn ghall-hlas tad-dejn u kellu interess ihallsu”.

Dwar is-sottomissjoni tal-konvenuti li l-atturi ma gabux prova ulterjuri dwar il-polza ta’ assikurazzjoni, il-Qorti tirrileva li gjaladarba l-assikuratur ikun hallas lill-assikurat in virtu’ tal-polza li hemm bejnu u l-assikurat tieghu hu jigi validament surrogat fid-drittijiet ta’ l-assikurat u allura ma hemmx n-necessita’ li tigi ezibita l-polza ta’ assikurazzjoni almenu ghall finijiet ta’ dina l-kwistjoni billi s-surroga f’dan il-kaz tirrizulta mid-dokument imsemmi ezibit u l-ligi ma tirrikjedix formalitajiet aktar minn hekk. (Ara sentenza PA F. Ebejer noe vs Cascun 15/4/1993).

Ghalhekk is-sottomissjoni tas-socjeta’ konvenuta f’dan ir-rigward ma tistax tigi akkolta.

**Interess**

Fit-tieni lok is-socjeta’ konvenuta qed issostni li t-telf gie soffert minn Europe Minerals BV  u mhux minn Rhino Minerals (PTY) Ltd  ghalhekk din ta’ l-ahhar ma setghet tghaddi l-ebda drittijiet ghar-rizarciment lill assikuraturi. Ma ngabet ebda prova dwar jekk Rhino Minerals (PTY) Ltd rceviet hlas ridott minn Europe Minerals BV. Il-konvenuti jghidu li s-socjeta’ attrici ma gabet ebda prova tal-pagament li rceviet Rhino Minerals (Pty) Ltd minghand Europe Minerals BV u ghalhekk wiehed jippresumi illi hija rceviet il-prezz intier. Inoltre l-unika prova ta’ telf tirrizulta mill-fattura annessa mal-affidavit ta’ Jurgen Reiprick li turi ammont fatturat minn Europe Minerals BV lill Refratacknic Iberica SA.

Fil-kaz in ezami li gara kien li kien hemm Exclusive Distribution Agreement bejn Rhino Minerals (PTY) Ltd  u Europe Minerals BV  (ara fol 68 et seq) li bih  Rhino Minerals (PTY) Ltd A kienet qed tagixxi bhala *supplie*r ta’ kunsinna ta’ *pursusite* u Europe Minerals BV  kienet id-distributrici tal-merkanzija fl-Ewropa. Meta ntbghatet il-

merkanzija nkwistjoni dina giet assikurata ma' l-atturi u Rhino Minerals (PTY) Ltd u Europe Minerals BV deheru bhala *joint insured*. Gara li l-merkanzija giet mibjugha minn Europe Minerals BV lill Refrattechnik Iberica SA imma meta l-merkanzija waslet ghand il-konsennatarju, instabet li l-merkanzija kienet in parte bi hsara. Sar *survey* u saru arrangamenti biex l-merkanzija jehodha l-kunsinnatarju pero' bi prezz ridott. Imbaghad l-assikurazzjoni hallset lill socjeta' Rhino Minerals (PTY) Ltd u ghalhekk issa l-assikurazzjoni kif surrogata qed tfittex lill konvenuti li garrew il-merkanzija billi qed jippretendu li dawn kienu responsabbli ghall-hsarat li gew kagjonati.

Il-konvenuti jirritjenu li t-telf gie soffert minn Europe Minerals BV u mhux minn Rhino Minerals (PTY) Ltd ghalhekk dawn ta' l-ahhar ma setghux jghaddu ebda drittijiet ghar-rizarciment lill assikuraturi.

L-atturi jsostnu li avvolja Jurgen Reiprich ta' Europe Minerals BV jghid li huma xtraw il-merkanzija, ma ngabet ebda prova li dawn hallsu ghaliha, u li ghalhekk il-merkanzija baqghet proprjeta' ta' Rhino Minerals (PTY) Ltd u kellhom dritt jithallsu taghha mill-assikurazzjonij. Huma jargumentaw li, kuntrarjament ghal dak li qed isostnu l-konvenuti, il-pagament ma setghax lahaq sar minn Europe Minerals BV billi skond il-klwazola fid-Distribution Agreement 10:6 fol 74 l-*invoices* kellhom jithallsu entro hamsa u sebghin (75) gurnata mid-data tal-Polza tal-Karigu. Fil-fatt il-polza tal-karigu kienet datata 6 ta' Settembru 1999 mentri l-merkanzija dahlet fid-19 ta' Ottubru 1999. Ghalhekk sakemm wasal il-vapur u l-merkanzija instabet bil-hsara, Europe Minerals BV ma setghetx lahqet hallset lill Rhino Minerals (PTY) Ltd . Ma ngabet ebda prova li sar pagament f'dan is-sens.

Jigi notat li Rhino Minerals (PTY) Ltd u Europe Minerals BV kienu *joint insured* u meta kien qed isir s-*survey* tal-merkanzija bil-hsara u arrangamenti biex jaraw x'se jsir mill-merkanzija, kemm Rhino Minerals (PTY) Ltd kif ukoll Europe Minerals BV kienu qed jigu konsultati biex jaraw jekk jaccettawx il-proposti li kienu qed isiru. Jidher ghalhekk li l-ftehim dwar kumpens kien jiddependi ukoll

minn Rhino Minerals (PTY) Ltd li kienet qed tagixxi bhla proprejtarja tal-merkanzija. (Ara FAX JR1 a fol 59/60).

Rhino Minerals (Pty) Ltd xehdu li huma ma thallsux minn Europe Minerals BV. Il-konvenuti, li huma biss il-*carriers* tal-merkanzija u m'ghandhom x'jaqsmu xejn fir-relazzjoni bejn Europe Minerals BV u Rhino Minerals (PTY) Ltd, min naha l-ohra qed jipprezumu li Rhino Minerals (PTY) Ltd thallset il-prezz intier, izda ta' dan ma gabux prova.

Ir-relazzjoni bejn Europe Minerals BV u Rhino Minerals (PTY) Ltd hi kwistjoni ta' bejnithom u sa certu punt hija materja estraneja ghall-konvenuti. L-assikuraturi kienu assikuraw lill Rhino Minerals (PTY) Ltd u Europe Minerals BV bhala *joint insured* u l-assikuraturi ma kienux ser jhallsu lill Rhino Minerals (PTY) Ltd kieku ma kellhomx prova dwar min kellu jigi indennizzat. Ghalhekk l-atturi ghandhom dritt ta' azzjoni ghar-rifuzjoni tal-flus li huma hallsu lill Rhino Minerals (PTY) Ltd bhala *joint insured.*

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------